MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 336/2015/1

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni:**

**Fl-ismijiet:**

**Programbladet AS socjeta` registrata in-Norvegja bin-numru ta' registrazzjoni 951985007**

**u**

**Mantar Medier AS Socjeta` registrata n-Norvegja bin-nunmru ta' registrazzjoni 980111741**

**vs**

**Mortern Rolfsen Weden detentur tal-passaport Norvegiz bin-numru 01164467**

Il-Qorti,

1.0. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta' Frar, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll tas-26 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu;

2.1. Iddikjarat li kienet rat l-imsemmi rikors guramentat promotur;

2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti fuq indikati;

2.3. Appuntat l-istess ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikat, (ara fol 1 u 7);

2.4. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontroparti ghar-risposta;

3. Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors guramentat promotur;

4. Rat ir-risposta ta' l-intimat datata t-28 t'April, 2015;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tal-fuq imsemmi rikors guramentat promotur, is-socjetajiet rikorrenti sintetikament elenkaw il-pretensjoni taghhom bil-mod segwenti:

6.1. Illi l-procedur odjerna hi intiza biex is-socjetajiet rikorrenti jikkawtelaw id-drittijiet taghhom fil-konfront ta' l-intimat biex dan jinzamm milli b'xi mod inehhi jew jittrasferixxi l-proprjeta` u azzjonijiet kummercjali minnhom espressament indikati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 1);

6.2. Illi l-istess socjetajiet rikorrenti jaffermaw li ghandhom kreditu ta' miljun u mitejn elf Ewro (€1,200,000.00), fil-konfront ta' l-intimat x'jittutelaw permezz ta' din il-procedura;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in sostenn ta' l-imsemmija talbiet is-socjetajiet rikorrenti ipprezentaw citazzjoni fl-ismijiet *Programbladet AS vs Morten Russell Rolfsen Weden* (ara foll 30), flimkien ma decizjoni tal-qorti appozita datata d-9 t'Ottubru, 2014, (ara foll 34), fejn l-intimat odjern:

7.1. Kellu l-arrest tieghu estiz b'sena;

7.2. Gie ikkundannat ihallas l-ispejjez tal-procedura *de quo* (ara foll 37)

8.0. Illi permezz ta' decizjoni ohra fl-ismijiet Mentar Medier AS vs Morten Petter Rolfsen Russell Weden datata t-8 t'Ottubru, 2013, l-istess intimat kien ukoll ikkundannat: (ara foll 42);

8.1. Illi jipprezenta garanzija biex jevita s-sekwestru hemm indikat;

8.2. Ihallas l-ispejjez tal-procedura;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-imsemmija decizjonijiet gew awtentikati skond il-ligi minn nutar debitament abilitat, (ara foll 43);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi min-nota tieghu l-intimat sintetikament issottolinea s-segwenti:

10.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

10.2. Illi mhux responsabbli ghall-eccezzjonijiet in dizamina;

10.3. Illima kienx jaf bid-delitti in dizamina;

10.4. Illi mhux responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjetajiet rikorrenti;

10.5. Illi l-azzjoni hi preskritta;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi analizi al-vertenza odjerna tirrileva sintetikament is-segwenti;

11.1. Illi din hi biss procedura preliminari intiza biex tippermetti lis-socjetajiet rikorrenti li jittutelaw il-posizzjoni taghhom permezz ta' procedura appozita intrapriza fi stadju ulterjuri;

11.2. Illi ghalhekk ir-rizoluzzjoni ta' l-istess hi determinata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

11.3. Illi ghalhekk hu pacifiku li tali procedura hi specifikament intiza biex izzomm persuna milli taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista' tkun ta' pregudizzju, u

allura ta’ hsara immedjata, lil dik il-persuna li titlob il-hrug ta’ tali mandat;

11.4. Illi ghalhekk biex tali mandat ikun jista’ jinhareg skond il-ligi, jirrikjedi li l-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-artiklu fuq riferit, senjatament:

11.4.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet legittimament vantati;

11.4.2. Illi jrid jigi ukoll assodat li r-rikorrenti involuti jkollhom ta’ l-anqas dawk id-drittijiet minnhom vantati fil-livell ta’ *prima facie*;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi analizi tal-fatt kif rizultanti mill-atti processwali u kif karpiti mit-trattazzjoni orali appozita ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fis-smiegh appozitament stabbilit fir-rigward, iwassal ghas-segwenti delineazzjoni sintetika tal-fatti:

12.1. Illi l-intimat hu kolpit b’zewg processi gudizzjarji fil-konfront tar-rikorrenti odjerni, (ara foll 30 u fol 34);

12.2. Illi fiz-zewg proceduri hawn indikati is-socjetajiet rikorrenti qeghdin jilmentaw li l-intimat odjern ghandu debitu hemm indikat fil-konfront ta’ l-istess rikorrenti;

12.3. Illi l-istess socjetajiet rikorrenti jifhmu li jekk il-procedura odjerna ma tirnexxiex, il-posizzjoni taghhom tkun irrimedjabilment pregudikata;

Ikkunsidrat:

13. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta li fil-mument prezenti s-socjetajiet rikorrenti *prima facie* ghandhom id-dritt li jittutelaw il-posizzjoni taghhom skont il-ligi *stante* li altrimenti, jkunu irrimedjabbilment pregudikati;

14. Illi ghalhekk din il-Qorti hi sodsifatta li l-precett rikjest mill-artiklu 873 fuq gia` citat hu sodisfatt – ta' l-anqas fil-livell *prima facie* – li hu l-limitu tal-procedura odjerna;

15. Illi ghalhekk hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-fatti kif elenkati aktar qabel huma bizzejjed biex id-drittijiet tar-rikorrenti odjerni jattiraw dik it-tutela statutorja rikjesta fil-konfront ta' l-intimati;

DECIDE:

16.0. Illi konsegwentement in vista tal-premess, tqis lis-socjetajiet rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u ghalhekk:

16.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti;

16.2. Tiddikjara wkoll li r-risposta rigwardanti l-preskrizzjoni hi prematura;

16.3. Tirrespingi r-risposti kollha ta’ l-intimati;

16.4. Tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat is-26 ta’ Frar, 2015, b’mod li issa l-mandat t’inibizzjoni in dizamina jinhareg b’mod permanenti;

16.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------